**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 11/15(24_11_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Novembru 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.
6. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
7. Il-Munxar Day 2015.
8. Attivitajiet Milied 2015.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 30/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 (Minn Jannar sa Diċembru)'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Proġetti Kurrenti ta' Natura Kapitali mwettqa mill-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilità'.

2.04 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità l-*poster* u l-programm tal-Konferenza Nazzjonali – Jum Internazzjonali tal-Persuni b'Diżabilità tat-3 ta' Diċembru 2015 fil-Lukanda Le Meridien, San Ġiljan u l-programm tal-Ġimgħa Persuni b'Diżabilità 2015, mit-3 ta' Diċembru sal-10 ta' Diċembru 2015, bit-tema 'Teknoloġija Aċċessibbli – Għażliet Aħjar'.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Smart Light Systems (M) Ltd rigward diversi *solar LED-lit Signage* fil-lokalità tagħna li din il-kumpanija installat u għamlet l-manutenzjoni tagħhom. Din il-kumpanija qed jipproponi lill-Kunsill li tagħmel xi xogħol fuq dawn it-tabelli sabiex dawn jibqgħu jaħdmu sewwa din ix-xitwa, issa li l-*guarantee life time* għadda.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Moviment Kerygma rigward il-'Premju Żagħżugħ tas-Sena 2015'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circ 53/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Invitation for Tree Planting', fejn il-Kunsill ġie mistieden għall-attività 'European Garden Tree Planting' fl-10 ta' Novembru 2015 fi Xrobb l-Għaġin Nature Park and Sustainable Development Centre, Marsaxlokk.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC (Malta-EU Steering & Action Committee) rigward 'Sejħa għall-proġetti ffinanzjati mill-UE'. Il-Kunsill qed jiġi infurmat dwar sejħa ġdida taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Local Enforcement System Agency fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward 'LESA – Regional Enforcement Officers – REO'. Il-Kunsill ġie infurmat li kull Reġjun ġie assenjat REO u ngħatat aktar informazzjoni dwarhom u dwar l-irwol tagħhom.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Directorate for Lifelong Learning fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol rigward 'Peer Learning Activity'. Il-Kunsill huwa mistieden għal *5-day Peer Leaning Activity - Adult Literacy and Digital Media,* mit-30 ta' Novembru 2015 sal-4 ta' Diċembru 2015, f'The Fortress Builders, Fortifications Interpretation Centre, Valletta.

2.11 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circ 58/2015 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed jitwasslu *e-mail* u *brochure* mingħand EU Advisory, Ernst & Young rigward 'Access to Employment Scheme (A2E)'.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Foundation for IT Accessibility (FITA) rigward 'FITA awareness sessions'. Ingħatat informazzjoni dwar il-ħidma ta' din il-Fondazzjoni u l-Kunsill ġie mistieden għall-*information session* fis-16 ta' Diċembru 2015, fil-FITA, Blata l-Bajda.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Laqgħa tas-Sindku u l-Ispettur tad-Distrett'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva invit għal *seminar* mingħand il-Building Industry Consultative Council dwar l-introduzzjoni ta' *skill cards* f'Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jattendi.

3.02 Il-Kunsill kien irċieva invit mingħand l-Ombudsman dwar laqgħa ta' informazzjoni intiża biex tiġi spjegata l-funzjoni tal-Ombudsman u s-servizz li joffri. Għal din il-laqgħa attenda s-Segretarju Eżekuttiv.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-President ta' Malta rigward visita fil-Munxar. Din is-sena l-President ta' Malta se tiġi Il-Munxar, is-Sibt 19 ta' Diċembru 2015 bejn id-9.25 ta' filgħodu u l-10.15 ta' filgħodu. Is-Sindku kkonsultat mal-Kappillan fejn kien hemm qbil li l-aħjar post fejn se tiġi milqugħa l-President huwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kappillan se jagħmel kaxxa sabiex issir ġabra għall-Istrina. Fil-*motor show* li ser issir fit-13 ta' Diċembru 2015, ser isir ġbir għall-Istrina wkoll. Il-ġbir kollu jingħata lill-President ta' Malta.

3.04 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi Triq Ta' Marżiena, Il-Munxar sabiex titranġa l-bankina peress li l-karozza qed tħokk meta jdaħħalha fil-*garage*. Il-Kunsill huwa infurmat li x-xogħol sar minnu stess.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward il-CORE Platform taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta sabiex jiġi ppromowtjat u jinħoloq għarfien tal-kunċett ta' Corporate Citizenship and Corporate Social Responsibility. Ser issir laqgħa dwar dan.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward Digital Video Conference li ser issir fl-Ambaxxata tal-Amerika rigward Sister Cities International, fejn se jiġu diskussi proġetti ta' *twinning* ma' Kunsilli Maltin u Għawdxin. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jattendi.

3.07 Il-Kunsill irċieva talba sabiex fanal fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu jiġi mċaqlaq sabiex issir tinda, u żewġ bankijiet faċċata tal-istabbiliment jitneħħew. Mal-ilment intbagħtu r-ritratti. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ma jaqbilx li l-bankijiet jiċċaqalqu u dwar il-fanal iċ-*Chairperson* kellu jmur jiċċekkja sabiex jiġi stabbilit jekk tinkisirx is-simetrija tal-fanali. Peress li mal-ilment diġà kien hemm ir-ritratti, il-Kunsill iddeċieda li dan jiċċaqlaq b'madwar metru u x-xogħol irid isir mis-sid stess. Is-Sur Paul Curmi astjena fuq din il-materja.

F'dan il-ħin is-Sur Mark Busuttil ħareġ mil-laqgħa.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident fix-Xlendi fejn qed jagħti diversi suġġerimenti, kumplimenti u lmenti dwar l-ambjent tax-Xlendi.

3.09 Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir bankina quddiem il-blokk 'Ta' Wenzu Court', fir-rampa bejn Triq il-Kantra u Triq it-Torri. Qed issir talba wkoll sabiex tiġi mraqqa t-triq.

3.10 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2015 dwar 'Espressjoni ta' Interess għall-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilità'. L-għan ta' din l-iskema huwa li jiġu offruti opportunitajiet ta' xogħol fil-komunità lokali sabiex b'hekk inkunu nistgħu nagħtu xhieda ta' kemm dawn il-persuni tabilħaqq għandhom x'joffru fil-qasam tax-xogħol. Ix-xogħol offrut irid ikun wieħed klerikali jew amministrattiv. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal persuna waħda 20 siegħa fil-ġimgħa.

3.11 Il-Kunsill irċieva talba sabiex bozza fi Triq l-Għar ta' Karolina tiġi spostjata biex iddawwal taraġ tal-viċin. Ġie deċiż mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi li ssir bozza ġdida fit-taraġ.

3.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-sigurtà fit-toroq peress li l-Malta Road Safety Council qed jippjana strateġija fil-promozzjoni, edukazzjoni u proġetti. Il-Kunsilli u Kumitati Amministrattivi qed jintalbu jibagħtu s-suġġerimenti għal kunsiderazzjoni.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 11/15(24_11_15).

**5.00 Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.**

5.01 L-ewwel ambaxxatur taż-żgħażagħ tal-Munxar kien is-Sur Paul Parnis imma peress li huwa għalaq it-18-il sena, dan il-post huwa vaganti. Ġie deċiż li l-Kunsill joħroġ sejħa sabiex jaħtar ambaxxatur jew ambaxxatriċi ta' bejn is-sittax u t-tmintax-il sena biex iwassal il-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalità. L-ambaxxatur/ambaxxatriċi tista' tipparteċipa f'diskussjonijiet tal-Kunsill waqt il-laqgħa bħal kunsillier ieħor iżda ma jkollhiex dritt għall-vot.
Kull min huwa interessat jista' japplika u l-għażla ssir b'vot ta' maġġoranza waqt laqgħa tal-Kunsill.

**6.00 Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill l-ieħor kien ġab il-permess mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-ETC sabiex jimpjega skrivan/a *full-time* mal-Kunsill fejn parti mis-sigħat iridu jkunu xogħol fil-Mitħna tax-Xlendi. Kienu saru xi intervisti u li r-riżultat għadu ma ħariġx u għaldaqstant il-Kunsill irid ikompli l-proċess. Ser issir laqgħa tal-bord li huma kompost mill-membri tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv.

**7.00 Il-Munxar Day 2015.**

7.01 Ġie deċiż li għal Jum Il-Munxar 2015 issir quddiesa u serata ta' Jum Il-Munxar 2015 nhar is-Sibt, 12 ta' Diċembru 2015. Fis-6.15 ta' filgħaxija ser issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Il-Munxar u wara, fis-7.00 ta' filgħaxija, ser tinżamm attività soċjo-kulturali li fiha ser jingħata 'Ġieħ Il-Munxar 2015', fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. Wara jsir riċeviment.

**8.00 Attivitajiet Milied 2015.**

8.01 Ġie deċiż li l-Kunsill jorganizza Ħarġa tal-Kunċizzjoni għal kulħadd, fit-8 ta' Diċembru 2015, Festa tal-Kunċizzjoni. Nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fit-8.30 ta' filgħodu u nibqgħu sejrin nisimgħu quddiesa fil-Knisja tal-Madonna tal-Patroċinju (Knisja tal-Wied, l-Għasri). Wara l-quddiesa ser immorru f'ristorant Iż-Żebbuġ fejn ser ikun hemm kafè, tombla u *talk*. Kollox ser ikun imħallas mill-Kunsill Lokali.

Ġie deċiż ukoll li tiġi organizzata *show* spettakulari ta' muturi. Il-Gozo Motocross Association flimkien mal-Kunsill ser jippreżentaw *Extreme trials & enduro*. Din ix-*show* spettakulari ta' muturi ser issir nhar il-Ħadd, 13 ta' Diċembru 2015, f'Jum ir-Repubblika ta' Malta. Din ix-*show* ser tkun fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar minn nofsinhar sal-4 ta' filgħaxija. Waqt din ix-*show* ser issir ġabra għall-Istrina 2015. F'każ ta' maltemp din l-attività titħassar.

L-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta ser tkun qed iżżur il-lokalità tal-Munxar nhar is-Sibt, 19 ta' Diċembru 2015 bejn id-9.25 ta' filgħodu u l-10.15 ta' filgħodu. Matul dawn il-ħinijiet ser tkun fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Waqt iż-żjara tagħha, il-Kunsill flimkien mal-Parroċċa ser nippreżentawlha d-donazzjonijiet li jkunu nġabru b'risq il-Community Chest Fund. Kulħadd huwa mistieden sabiex nagħtu merħba lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta.

Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill itella' varjetà tal-Milied għat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali, Il-Munxar. Din l-attività ser issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Diċembru 2015, fid-9.30 ta' filgħodu. Waqt din il-varjetà ser ikun hemm *animation*, ikel u xorb u logħob għat-tfal. Ser jingħata ktieb bħala rigal lit-tfal kollha preżenti. Il-ġenituri huma mitluba li jwasslu t-tfal fid-9.30 ta' filgħodu u jiġu għalihom f'nofsinhar.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

9.01 Fi Triq Żgħawri twaħħlu erba' bankijiet li huma magħmulin minn materjal riċiklat u li huma *maintenance free*.
Il-bankina ta' Triq il-Puniċi tlestiet u issa se jinbdew tiswijiet ta' bankini oħrajn.
Jidher li l-Kuntrattur Sammy Spiteri se jibgħat l-*invoices* għax-xogħlijiet li saru fi Triq Żgħawri iżda ser issir skrittura sabiex jiġi identifikat li saru żewġ *invoices*, waħda skont dak li ċċertifika l-perit u l-oħra tax-xogħol li ġie mkejjel mis-*surveyor* tiegħu.

Il-ħin kien is-7.00 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku rrapportat li saret it-tilqima fil-Kunsill Lokali u anke fid-djar ta' dawk l-anzjani li ma joħorġux. Saru 'l fuq minn 55.
Qed jinġabru stimi sabiex fil-*pots* li hemm fil-Pjazza tal-Knisja jitħawlu siġra u fjuri.
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina kien miexi u issa jrid jiġi kkunsidrat jekk il-monument isirx fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina jew fil-Pjazza tal-Knisja. Din il-materja se terġa' titqajjem fl-laqgħa oħra.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Xi xhur ilu meta saret il-laqgħa tal-Kabinett f'Għawdex, fejn is-Sindku kien qajjem il-każ tal-*garage* li jinsab taħt il-bini tal-Kunsill. Issa d-Dipartiment għall-Gvern Lokali staqsa jekk il-Kunsill qattx applika għad-devoluzzjoni u peress li qatt ma applika, sar suġġeriment biex japplika għall-*garage* u anke għall-binja kollha. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Il-Kunsill ippubblika espressjoni ta' interess sabiex isir l-immaniġjar ta' skart riċiklat. Intefgħet offerta waħda mingħand il-Green MT. Preżentament, il-Kunsill qed jaħdem bl-iskema tagħhom u qed joffru prattikament l-istess kundizzjonijiet. Ġie deċiż li l-Kunsill jipprova li jneħħi l-*Bring-in-Site* li hemm fid-daħla tal-Munxar u ssir *collection* tal-boroż il-griżi t-Tlieta u l-Ħamis. Ġie deċiż li l-Kunsill jiffirma l-kuntratt.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għall-kiri tal-*kiosk* tax-Xlendi lill-HSBC Bank Malta plc se jagħlaq f'Diċembru 2015. L-HSBC Bank Malta plc talab sabiex il-kirja terġa' tiġġedded għal tliet snin oħra. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ddeċieda illi issa minflok €2,500 fis-sena jitlob €3,650. Il-Kunsill qabel dwar dan.

11.04 Wara li kienet saret talba minn sid il-post ta' kantuniera fi Triq San Pawl u ġie approvat li jsiru tliet *bollards*, is-sid qed jitlob sabiex isiru ħamsa. Kien hemm qbil dwar dan.

11.05 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li eżattament quddiem id-daħla ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina hemm approvat li ssir *bus shelter*, iżda Transport Malta qed tistenna lill-kuntrattur jimporta kwantità u mhux waħda. Issa peress li jista' jgħaddi żmien konsiderevoli, huwiex il-każ li ssir waħda proviżorja sa meta tasal tal-kuntrattur. Kien hemm qbil dwar dan.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sinjorina Sonja Abela ssuġġeriet li fil-bankina mal-blokka tal-Kunsill jitpoġġew bankijiet peress li l-bankina hija wiesgħa biżżejjed. Ma kienx hemm qbil dwar dan peress li l-istorbju li jikkawżaw in-nies joħloq inkonvenjent lir-residenti privati, u ftit metri 'l bogħod hemm Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina li huwa mgħammar b'ħafna bankijiet.

12.02 Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kurduna li hemm viċin it-*telephone box* tal-Pjazza tal-Knisja qed tintrifes bit-*tyres* avolja din inżebgħet bl-abjad. Huwa ssuġġerixxa li jsiru *cat's eyes* mal-kurduna jew ma' *pole*. Ma kienx hemm qbil peress li aħjar tintrifes il-kurduna milli jintrifsu l-*cat's eyes*.

Huwa fakkar dwar l-ilment tal-bozza ta' Triq il-Munxar u ġie infurmat li l-Inġinier ser imur fuq il-post.

Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill ukoll li l-mera li saret fi Triq Dun Spir Gauci saret biex turi t-traffiku li ġej minn fuq, mentri dik suppost li saret biex turi t-traffiku li jkun ġej minn isfel. Is-Sindku infurmatu li rridu naraw fil-post.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Bħas-snin l-imgħoddija ser terġa' ssir l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, membri tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi u ħaddiema tal-Kunsill. Ġie deċiż li din is-sena ssir fl-4 ta' Jannar 2016, fiċ-Ċima Restaurant, Ix-Xlendi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***